*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 56**

**Il-Ħamis 16 ta' Marzu 2017**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
John B Camilleri – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

***Qari tal-ittri ta' apoloġiji.***

**56.1.1** Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**56.2** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 9 artiklu 55.7.2 u propona li tinqara kif ġej:

**56.2.1**

*Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

Il-minuti ġew emendati u unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

**56.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 9 artiklu 55.7.2 u staqsa jekk is-Segretarju Eżekuttiv jekk iċċekjajnix fuq liema rata qed titħallas il-kuntrattur fir-rigward ta' tindif ta' skart extra bl-iskip.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fuq it-tender hemm indikat illi titħallas €100 għal fuq kull skip li tiġbor.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk il-Kuntrattur hux qed tippreżenta irċevuta fiskali għall kull skip li timla?

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qatt ma ppreżentat riċevuta għat tbattil tal-iskips.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Kunsill għandu jħallas fuq l-irċevuti ippreżentati mill-Kuntrattur hekk kif jindika l-kuntratt.

Is-Sindku staqsa jekk iridx l-irċevuti fiskali ta' pagament li diġa sar għaliex jaħseb li mhux ħa tkun possibli għal kuntrattur biex tippreżentaha issa.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri daħal fis-18:11.***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ir-ritratt li ħadna tal-iskart li kien hemm il-bidni fejn bgħatna lill-Kuntrattur sabiex inaddfu m'għandux dubju li mliet ma tlett skips.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu qed jiġbed l-attenzjoni għaliex il-pagamenti li qed joħorġu għandhom jiġu ċċekjati sewwa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill m'għadux joħroġ daqshekk xogħol bħal ma kien qabel speċjalment meta konna inaddfu xi siti lejn Bellavista.

Is-Sindku qal illi €100 hija rata kemxejn baxxa meta tikkunsidra li l-Kuntrattur trid tħallas il-ħaddiema, tħallas biex tarmi l-iskart u x-xogħol li tkun ħadet.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi fl-opinjoni tiegħu €100 huma ftit ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-iskart li kien hemm ħdejn il-knisja zgur ma kienx jimla skip sħiħa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fejn qed isemmi l-Kunsillier Camilleri dan hu xogħol li hu parti mill-Kuntratt li għandu jsir max-xogħolijiet ta' kuljum.

Is-Sindku qal illi jista jkun dan kien akkumulat u għalhekk konna bgħatnija tnaddfu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-kuntrattur jista tkun qed tarmi l-iskart ġewwa l-Wasteserv mingħajr ma jintuża skip.

Kien hemm qbil unanimu illi meta jintuża skip il-Kuntrattur għandha tippreżenta irċevuta ta' fejn din l-iskip ġiet mbattla.

**56.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk hux qed niċċekjaw hux qed jiġu erba kenniesa jiffirmaw kuljum.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qabel ma ħareġ bis-sick kien jiċċekkja u kien hemm 2 ċirkustanzi fejn ma sabx li ġewe 4 kenniesa jiffirmaw iżda iffirmaw 3. Waħda minn dawn il-każi konna iddiskutejnija fil-laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi minn dakinhar li tkellimna waqt il-laqgħa hu ġie l-Kunsill is-Sibt u sab li 3 kenniesa kienu ġew jiffirmaw u mhux 4.

Is-Sindku qal illi li ma ġewx jista jkun imma x-xogħol sar zgur.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ma tistax tirraġuna b'dan il-mod inkella ma hemmx għalfejn joqgħodu jsiru l-kuntratti. Kompla jgħid illi l-customer care għandhom jieħdu ħsieb li jaraw li jiġu erba ħaddiema u li dejjem ikun hemm l-id card miktuba.

Is-Sindku qal illi l-ħaddiema tal-customer care għandhom jagħtu ċans sa 9:00am sabiex jiġu jiffirmaw imbgħad jikkuntattjaw lill-Kuntrattur.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mgħandhomx għalfejn jikkuntattjaw lill-kuntrattur la darba ma jkunux ġew jiffirmaw sad-9:00am għandhom jitneħħew il-karti.

Kien hemm qbil unanimu illi nerġgħu nkellmu lill-Kuntrattur dwar dan.

**56.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 55.2.8 rigward il-mozzjoni li kien għamel hu sabiex issir parti mill-bankina fi Triq id-Daħla ta' San Tumas quddiem il-kapella ta' San Gaetano u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu tkellem mall-Perit u staqsih b'5 yardi kemm isiru metri bankina.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camileri staqsa nistgħux inġibu kwotazzjoni.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-proċedura tal-kwotazzjonijiet hija l-istess bħal tat-tenders.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi preferibilment il-bankina għandha ssir kollha imma tal-inqas ngħamlu biċċa quddiem Torri Mamo għaliex meta t-turisti jiġu biex jaqsmu ma jsibux minfejn minħabba l-istat li qeda fiha l-bankina. Kompla jgħid illi lest jistenna sakemm nirċievu risposta min-naħa tat-Transport Malta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi filkas nistgħu nqabbdu l-Kuntrattur tal-Kunsill biex jgħamel parti minnha pero bl-ammont ta' xogħol li diġa sar u li hemm pjanat li jsir forsthom 30 metru fi Triq Patri Wistin Born k/m Triq tal-Ħamrija u 43 metru fi Triq il-Bużbież il-budget allokat għat-toroq u bankini ser ikun kważi spiċċa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal imqar isir 4 metri,

Is-Sindku qal illi għandna l-fondi tal-UIF.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-fondi tal-UIF ser imorru kollha għal bini tal-Kunsill, għal Triq il-Qaliet u għal Ġnien taż-Żonqor.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb li nqabbdu lill-Perit jgħamlilna stima tal-bankini u toroq qabel ma jsiru.

Kien hemm qbil unanimu li issir parti mill-bankina mill-Kunsill fi Triq id-Daħla ta' San Tumas sa ħdejn Torri Mamo.

**56.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 55.3.11 u qal illi għar-rigward il-proġett tal-Bidni ħarġu fondi li l-Kunsill jista japplika għalihom mall-Ministeru ta' Ian Borġ għal-proġetti rurali minflok nistennew il-GAL XLOKK. Kompla jgħid illi Kunsilli oħra qiegħdin japplikaw.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi dawn il-fondi qiegħdin jintużaw għal toroq, ħitan tas-sejjiegħ eċċ.

Sar qbil unanimu illi nikkomunikaw mal-Ministeru tas-Sur Ian Borġ.

56.2.6 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 6 artiklu 55.3.5 fejn qal illi l-€1500 illi l-kumpanija ser tgħati lill-Kunsill għandhom jintefqu x'imkien fejn ser jibbenefikaw minnhom ir-residenti.

Is-Sindku qal illi €500 ser imorru għall-klabb tal-football u l-€1000 ser jintużaw sabiex tiġi irranġata t-triq fejn hemm ir-Ramla ta' San Tumas.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jridu jgħatuh permess l-ERA u l-MEPA biex ikun jista jibda jaħdem.

Is-Sindku qal illi fl-ittra li ntbgħatet mis-Segretarju Eżekuttiv għednilhom illi l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni minkejja li l-Kunsill mhuwiex l-unika awtorita' li joħroġ il-permess għal din it-tip ta' applikazzjoni.

**56.2.7** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 8 artiklu 55.6.9 u staqsa kienx hemm xi update rigward is-servizz tal-hop on hop off buses.

Is-Sindku qal hu tkellem ma kuntrattur u qed isiru l-arranġamenti biex is-servizz jibda jingħata f'Marsaskala mis-sajf li ġej.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi irridu nieħdu ħsieb sabiex napplikaw għal parkeġġi alighting/boarding.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi diġa applikajna għalihomn u qed nistennew risposta mit-TM.

**56.2.8** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu fil-laqgħa preċedenti tkellem fuq l-istage faċċata tal-Bandli Pjazza Mifsud Bonniċi li jinsab mgħawweġ pero għadu ma sar xejn.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ser jikteb ittra lit-Transport Malta u jgħid illi qed iżomm lilhom responsabbli tal-ħsarat li saru fuq l-istage.

**56.2.9** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 5 artiklu 55.3.2 u qal illi l-monument tar-ras tal-ħuta sar pero l-art għadha mhijiex qiegħda kif suppost mad-dawra tal-monument.

Is-Sindku qal illi l-art sfrundat u diġa marru l-ħaddiema tal-works jirranġawha jista jkun li reġgħet sfrundat.

Kien hemm qbil unanimu li ninfurmaw lid-Direttur Ġenerali tal-Works Division.

**56.2.10** Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa jekk it-toqob fis-simenta għal festa humiex ser isiru.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu ikkomunika mal-Perit u staqsieh jekk jistgħu isiru u jekk humiex ta' periklu u qallu li dawn jistgħu jsiru.

**56.3** ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

**56.3.1.1** **Funding support ( 35/0823/17/O):**

Is-Sindku nforma l-Kunsilliera illi l-Kunsill irċieva din l-email fejn tgħid illi hawn żewġ persuni li joffru s-servizz tagħhom sabiex jimlew l-applikazzjonijiet sabiex il-Kunsill jirbaħ xi fondi, kompla jgħid illi r-rata tagħhom hija ta €2975.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawn huma nies speċjalizzati fil-mili ta miżuri u żgur li l-Kunsill jirbaħ il-fondi b'dan il-mod.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jħoss illi jekk nistgħu napplikaw għal fondi rurali napplikaw għalihom, kompla jgħid illi jħoss li s-Segretarju Eżekuttiv ma jistax ilaħħaq jagħmel dan ix-xogħol kollu waħdu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tajjeb li lill dawn in-nies nużaw is-servizz tagħhom meta l-applikazzjoni tkun kemxejn ikkumplikata.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal rigward il-fondi rurali tal-Ministeru tas-Sur Ian Borg tajjeb li l-ewwel nitkellmu miegħu u naraw kemm hu l-ammont li jista jintrebaħ għaliex irid ikun ammont sostanzjali biex nużaw is-servizz ta dawn in-nies minħabba r-rata li irrid nħallsuhom.

Kien hemm qbil unanimu li niċċekkjaw dwar dan.

**56.3.1.2** **PC008/17 (35/0820/17/I):**

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi waslet din l-ittra f'idejn il-Kunsill min naħa tal-Planning Authority.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi din l-applikazzjoni hija PC u mhux PA fejn l-individwu irid li jmiss l-alignment tat-triq u għalhekk ġie infurma il-Kunsill mhux bħal każi oħra fejn il-Kunsill ma jkunx infurmat b'xejn.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fi Sqaq il-ħarruba fejn jidher indikat li ser jintmiss l-alignment f'din l-applikazzjoni jekk isir hekk jingħalaq l-aċċess fejn għad ma hemmx triq, kompla jgħid illi tajjeb ngħamlu laqgħa mal-Planning Authority u niddiskutu aħjar l-intenzjoni ta' din l-applikazzjoni.

Kien hemm qbil unanimu illi ssir laqgħa jew nitolbu aktar dettalji mil-Planning Authority.

**56.3.1.3** ***Meter tad-dawl temporarju fil-Bajja San Tumas (35/0875/17/I):***

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-Kunsill waslitlu ittra għal talba għal meter temporanju tad-dawl fil-Bajja San Tums għal gabbana tal-ġelat.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu tkellem mal-persuna u qaltlu illi l-persuna li kien hemm f'dan il-post is-sena l-oħra mhux ser terġgħa tkun hemm din is-sena b'hekk qed jitlob sabiex japplika għal meter tad-dawl u jkun jista joqgħod f'din l-area hu, hu qal illi spjegalu illi l-area mhijiex tiegħu u ma jistax jikkapara hu biss ikollu meter tad-dawl f'ismu pero jekk irid jiġi persuna oħra u jpoġġi fil-post tiegħu dan għandu dritt li jagħmila għaliex l-art mhijiex tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Kunsill wasal biex ta permess lil tal-ħaxix ma jarax għaliex m'għandnix ngħatu lil dan il-persuna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din l-informazzjoni hija ħażina għaliex il-persuna li kienet tarma bil-gabbana tal-ġelat is-sena l-oħra ser terġa tkun hemm din is-sena, u wisq jibza illi ser nimlew ix-xatt kollu gabbani.

Is-Segretarju eżekuttiv qal illi hu ma kienx jaf li l-persuna l-oħra għandha interess tarma din is-sena għaliex lanqas ġie jieħu permess mill-Kunsill, kompla jgħid illi s-Sur Micallef assigura lill-Kunsill illi mhux ser ikollu mwejjed u siġġijiet.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi kemm il-darba xorta joħroġ l-imwejjed u s-siġġijiet ħadd mhu ser iwaqqfu kif diġa sar fil-passat.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sena l-oħra kien hemm problema kbira bil-persuna l-oħra li kienet tarma bil-gabbana.

Is-Sindku qal illi la ma sibna l-ebda oġġezzjoni bil-persuna l-oħra s-sena l-oħra ma jarax għalxiex m'għandnix ngħatu permess lis-Sur Micallef aktar u aktar meta l-persuna l-oħra ma ġietx għal permess il-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi min naħa tiegħu jista jagħmel no objection letter pero mhux ser jiffirma fuq l-ebda karta tad-dawl għaliex il-Kunsill m'għandu l-ebda titlu fuq l-art konċernata u allura ressaq din it-talba għall-attenzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuqiex ser nagħmlu no objection jekk aħna ma nidħlux fil-kwistjoni tal-meter tad-dawl.

Is-Sindku qal illi ser jarma fil-konfini ta' Marsaskala iġifieri bilfors irid permess tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi hu ma jaqbilx ma din il-kwistjoni.

Kien hemm qbil unanimu illi tinħareġ no objection bil-patt u l-kundizzjoni li jġib il-permessi kollha neċessarji.

**56.4** ***<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>***

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**56.5** ***<u>Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2017/01 Service Tender for cleaning and grass cutting in Non urban roads within the locality of Marsaskala</u>*:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi għal dan it-tender kellna 4 offerenti:

| <u>**Kuntrattur**</u> | <u>**Rati**</u> |
|---|---|
| | |
| Saviour Mifsud | €0.13/ linear meter |
| Owen Borg | €3.20/linear meter |
| Ronald Bezzina | €0.20/linear meter |
| WM Environmental | €0.14/linear meter |

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waqt l-evalwazzjoni l-bord induna li 3 offerenti kellhom bżonn kjarifika tal- 'minimum hourly working rate' u sabiex jissottomettu kjarifika riedu jħallsu €50 kompla jgħid illi tnejn mill-Kuntratturi li kienu Ronald Bezzina u Owen Borg iddeċidew illi ma jissottometux din il-kjarifika minħabba li ma kellhomx l-orħos offerta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi żewġ offerenti li fadal huma is-Sur Saviour Mifsud u WM Environmental u l-bord tal-aġġudikazzjoni qabel illi jintagħżel is-Sur Saviour Mifsud minħabba li għandu l-irħas offerta.

Il-Kunsill qabel unanimament illi t-tender tingħata lis-Sur Saviour Mifsud.

**56.6** ***<u>Propostata' korsijiet ta' Robotics mit-TCTC għax-xhur tas-sajf immirat għat-tfal (35/0766/17/I):</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi it-TCTC għax-xhur tas-sajf qed joffru kors ieħor għat-tfal bl-isem robotics fejn il-Kunsill ser iħallas ir-rata tas-soltu li hija €1150 iżda dawk li japplikaw iħallsu €50. Kompla jgħid illi dan il-kors ser idum it-tul tas-sajf kollu b'lezzjoni waħda fil-ġimgħa u fl-aħħar tal-kors it-tfal jingħataw ċertifikazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi dan ser ikun qed juża d-dawl tal-Kunsill u l-isem tal-Kunsill għal dan il-kors kif ukoll ir-rata għoliet għal €50 u hu jħoss illi l-Kunsill għandu jħallas rata anqas minn €1150.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-Kunsill ma kienx ta permess lil għalliem milli jagħti privat tal-matematika iżda naċċettaw li jsir dan il-kors.

Is-Sindku qal illi sa fejn jaf hu m'hawn persuna oħra illi toffri dan it-tip ta' kors.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hawn nies oħra li joffru dawn it-tip ta korsijiet.

Is-Sindku qal illi ħadd ma joffri korsijiet bħal dawn b'dawn il-prezzijiet.

Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill jagħmel dan il-kors.

**56.6.1** ***<u>Minuti tal-laqgħa li saret fl-OPM dwar l-applikazzjoni għal waterpolo pitch:</u>***

Is-Sindku qal illi kellhom laqgħa tajba ħafna u waħda mid-diskussjonijiet kienet il-palm li ser jinqala pero minflok l-għoxrin palma ser isiru planters.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu issuġerixxa ukoll li l-palm li ser jinqalaw ser jitwaħħlu fuq l-istess promenade fejn hemm palm nieqes. Is-Sindku faħħar din l-ideja li kien ipropona l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri.

Is-Sindku spjega illi l-moll ser joħroġ il-barra.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa id-dgħajjes li hemm fejn ser jmorru, kompla jgħid li tajjeb li l-iswimming zones m'għandhomx jintmissu u l-irmiġġi m'għandomx jispiċċaw fl-iswimming zone.

Is-Sindku qal illi l-irmiġġi ser jiġu irregolarizzati mit-TM.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi xi ħaġa li dejqitu kienet illi it-tender ser jinħareġ design and build u allura il-kuntrattur ikun jista jbiddel il-pjanta.

Is-Sindku spjega illi xorta ser ikollu ħafna restrizzjonijiet fuq id-disinn tal-bini.

**56.6.2** ***<u>Korrispondenza mingħand Dr Dalli rigward il-kwistjoni tal-kont tad-dawl fi Ġnien Żongor:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Avukata bgħatet lill-Kunsill illi kien hemm bidla fl-atitudni min naħa tal-ARMS fejn fl-ittra li bgħatu lill-Avukata qalulna illi l-kumpanija lesta tirrevedi l-kont tad-dawl biex jirrifletti l-konsum pro rata tal-aħħar 5 snin.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hawn ħafna kunsilli illi ma jħallsux il-kont tad-dawl tal-ġonna.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi aħna ma nħallsux il-kont ta' kull ġnien pero fi ġnien Żonqor il-Kunsill kien talab għal meter tad-dawl allura awtomatikament il-kont irid iħallsu il-Kunsill.

Sar qbil unanimu illi l-Kunsill jaċċetta l-proposta tal-ARMS u nistenna l-iskema riveduta.

**56.6.3** ***<u>Proposta ta' Career day organiżżata ma diversi Kunsilli Lokali oħra (35/0609/17/I):</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill Lokali Żabbar , Qormi u Birkirkara kienu organiżżaw din l-attivita' illi jġibu kumpaniji, fabriki, ħwienet u banek li jkollhom bżonn ħaddiema.
K ompla jgħid illi din l-attivita` ser terġgħa issir f'Ottubru u l-Kunsill jista jagħmel parti minnha mall-Kunsilli Lokali l-oħra msemmija, kompla jgħid illi jista jkun hemm xi spejjeż tad-distribuzzjoni tal-leaflets fid-djar.

Il-Kunsill qabel illi nieħdu sehem f'din l-attivita`.

**56.6.4** ***<u>Proposta ta' traffic management minq]and resident fi Triq il-Qaliet (35/0729/17/I):</u>***

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi qabel ma nibdew niddiskutu dan l-item xtaq jgħid illi hu rċieva diversi ilmenti rigward l-isleeping policeman illi saru fi Triq id-Daħla ta' San Tumas.

Is-Sindku qal illi tnejn mill-isleeping policeman li twaħħlu ser jitbaxxew pero hu rċieva kummenti pożittivi ħafna.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fis-19:39***

Is-Segretarju Eżekutiv qal illi f'din l-ittra li rċivejna dan ir-resident qed jissuġerixxi illi jitwaħħlu żewġ road humps fi Triq il-Qaliet ħdejn Toni's wines and Spirits u oħra ftit l'isfel minnu.

Is-Sindku qal illi Transport Malta normalment ma jagħtux permess għal sleeping policeman fi triq li tgħaddi minnha l-karozza tal-linja, kompla jgħid illi fl-opinjoni tiegħu l-aħjar ngħamlu zebra crossing.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu diġa applika għal zebra crossing fi Triq il-Qaliet fil-post fejn kienu qedgħin jindikaw. Kompla jgħid illi l-unika post fejn tista issir hija ħdejn Don Fawizza u hemmhekk saret l-applikazzjoni taz-zebra crossing.

Il-Kunsill qabel illi la darba hemm diġa hemm applikazzjoni għal zebra crossing ma hemmx bżonn li jsiru road humps.

**56.6.5** ***<u>Il-Kunsill jirbaħ skema ta' restawr taħt l-inizjattiva 11/2016 fejn permezz tagħha ser jsir ir-restawr fil-kappella li tinsab fi Triq La Sengle.</u>***

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi rbaġna l-iskema tar-restawr tal-Kapella fi Triq La Sengle.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk ir-restawr hux tal-faċċata biss jew inkella anke ġewwa tal-Kapella.

Is-Sindku wieġeb li l-iskema tkoppri biss il-faċċata tal-kapella, kompla jgħid illi din ser jieħdu ħsieba r-Restoration unit fi ħdan il-Works division.

**56.7** **<u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>**

**56.7.1** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq pagament numru 4430 u staqsa jekk jistgħax jara l-istimi li għamel il-Perit William Lewis

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi l-istimi qiegħdin għandu u ser jibgħatom lill-Kunsilliera sabiex jarawhom.

**56.7.2** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq pagament 4426 liema bibita kienet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb il-bibita tal-Milied.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

* Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk hux ser isiru xi xogħolijiet fi Triq is-Salvja.

Is-Sindku qal illi ra xi ħaġa pero l-aħjar li jiċċekja mal-Customer care.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ser issir biċċa xogħol iż-Żonqor mill-knisja sal-pixxina li tinvolvi bdil tal-mejnijiet tad-drenaġġ u l-Kunsill tefa bosta kundizzjonijiet fosthom li jrid isir reinstatement bit-tarmak ta' nofs it-triqu mhix biss il-wiesa tat-trinka.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk ser isir xi xogħol tajjeb nieħdu ritratti tal-bankina ħalli meta jitlesta ix-xogħol jerġgħu jagħmluha kif kienet.

- ***Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard daħlet għal laqgħa fit-19:49.***

**56.8** ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

**56.8.1** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- Is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (144 – 6/3/17):</u>**

"Jipproponi li nitolbu lil Trasport pubbliku sabiex il-bus stop li hemm fi Triq il-Qaliet k/m Triq il-Ħamrija jiġi immexxi ftit metri il fuq peress li issa hemm ukoll il humped zebra crossing. Dan ta sikwiet qed ikun hemm periklu u disgwid fuq il-post ħabba li jkun hemm tal-linja wieqfa eżatt fl-istess post."

Kien hemm qbil unanimu illi ninfurmaw lit-Transport Malta biex timxi 10 metri lejn Triq San Franġisk.

**56.8.2** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- Is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (145 – 10/3/17):</u>**

"Jipproponi li il-Kunsill kemm jista jkun qabel ma jibda s-sajf jimbarka fuq proġett ta' tindif madwar il-kosta. Nibdew mill-inħawi taż-Żonqor għax jinstab ħażin ħafna. Naqbdu biċċa u kif tkun lesta nibdew oħra."

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-proġetti tat-tindif tal-kosta huma f'idejn il-Cleansing Department.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm ħmieġ kbir bħala ħamrija u ħaxix ħażin fuq il-blat ta' mal-kosta speċjalment iż-Żonqor li ntela kollu ħaxix.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hemm fond fit-tourism zone development li qiegħed hemm apposta għal kosta, kompla jgħid li tajjeb il-Kunsill jikkomunika mas-Sinjura Elizabeth Aquilina tal-MTA sabiex nsiru nafu aktar dwar dan u forsi jsir ix-xogħol.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**56.9 <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.</u>**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 19 ta' April 2017 fis-6.00pm.

Konfermat illum 16 ta' Marzu 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |